MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Numru 166/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**GODWIN AGIUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Godwin Agius ta’ 42 sena, iben Joseph u Maria Stella nee’ Aquilina, imwieled iz-Zebbug, Malta, fit-8 ta’ Marzu 1963 u li joqghod fil-fond Nru. 50 ‘Sandy Beach’, Flat 2, Triq il-Marlozz, Mellieha. Karta ta’ l-identita 185263M.

Billi gie akkuzat talli:

1. Fis-26 ta' Lulju 2002, ghall-habta ta' bejn is-seba u nofs u t-tmienja neqsin ghaxra ta' filghodu, f'Haz-Zebbug, ikkommetta serq ta' vettura tal-marka Ford Transit van bin-numru tar-registrazzjoni BAF 229, liema serq hu kkwalifikat, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Carmelo Farrugia u ta' Vincenzo Zammit minn Hal Safi;

2. U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta' izjed minn hamsin Lira Maltin (LM50) izda anqas minn hames mitt Lira Maltin (LM500), u cioe' fl-istess vettura tal-marka Ford Transit van bin-numru tar-registrazzjoni BAF 229, ghad-detriment ta' Carmelo Farrugia minn Hal Safi;

3. U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ikkommetta serq ta' diversi ghodda, u cioe' ta' 'jigger' tal-marka 'Narex' li jiswa' madwar hames mitt Lira Maltin (Lm500), ta' 'jigger' iehor tal-marka 'Narex' li jiswa madwar tlett mitt Lira Maltin (Lm300), ta' serrieq tal-eletriku ta' marka mhux maghrufa li jiswa madwar hames mitt Lira Maltin (LM500), u ta' zewg 'hand braces' tal-ghamla 'Narex' li jiswew madwar mija u hamsin Lira Maltin (LM150).

4. U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

5. U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf;

6. U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saq l-imsemmija vettura tal-ghamla Ford Transit van bin-numru tar-registrazzjoni BAF 229, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta l-Awtorita dwar it-Trasport

Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 7 ta' Mejju, 2007 (Ara fol. 110 tal-Process) u nnutat li l-imputat Godwin Agius m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Hawn il-Qorti sejra ticcita brani mid-deposizzjoni tax-xhud Vincent Zammit (Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:

"Qorti: Mela inti kellek il-van ta' l-imghallem, ta' Carmelo Farrugia. Dan il-van dakinhar x'ghamilt bih?

Xhud: Jien kont sejjer ghax-xoghol Bugibba, konnha qeghdin nahdmu Bugibba dak iz-zmien, waqaft Haz Zebbug hdejn il-hanut nixtri s-sigaretti u sakemm dhalt nixtri s-sigaretti u hrigt il-van ma nstabx." "........................., tela' l-imghallem u morna nfittxuh fit-toroq u sibnieh go triq qadima minn Haz Zebbug ghar-Rabat go ghalqa u sibnilu l-bieba ta' wara mkissra u serqulna l-ghodda.

Pros: Tista' tispjegalna x'tip ta' ghodda kellek?

Xhud: Ghodda kellna mutur li jaqta' tal-katina nghidlu jien, naqtghu l-gebel bih, chaser, brace li nhawdu l-gypsum bih. Dawk l-izjed li serqilna vuoldiri li naf bihom."

"...................................................................................................."

"Xhud: Il-van ipparkjajtu fit-triq mal-genb, le hallejt ic-cwievet go fih, inzilt nixtri s-sigaretti, sakemm –

Qorti: Ic-cwievet fejn kienu?

Xhud: Gol-van.

Pros: Gol-van tista' tispjega daqsxejn il-lokazzjoni fejn hallejthom?

Xhud: Gol-van go l-ignition.

Pros: Tista' tispjega l-van jekk ghamiltux iktar b'mod sikur?

Xhud: Sikur fit-triq –

Pros: Jigifieri la darba c-cavetta hallejtha go fih il-van jigifieri msakkar, miftuh, kif hallejtu?

Xhud: Maghluq.

Pros: It-twieqi mtellghin u maghluqa imma l-bieba mhux imsakkra ghax jiena sakemm dhalt nixtri s-sigaretti u hrigt.

Qorti: Xi kemm domt biex tixtri s-sigaretti?

Xhud: Hames minuti, seba' minuti kollox. Kemm dhalt gol-hanut, tani s-sigaretti, tajtu l-flus u hrigt. Qisu min sraquli kien ghassa tieghi.

Qorti: Meta hallejtu hmmhekk u mort tixtri, kien hemm xi hadd fejn il-van?

Xhud: Le ma kienx hemm."

"................................................................................................."

"Pros: Xi hin jew zmien wara dan il-kaz, apparti li kellmuk il-pulizija, inti gejt mgharraf b'xi persuni li setghu kienu nvoluti f'dan il-kaz, mhux mill-pulizija, mis-sid perezempju jew hekk? (Sottolonjar tal-Qorti)

Xhud: Le"

F'dan l-istadju il-Qorti sejra ticcita minn brani mid-deposizzjoni tax-xhud Carmelo Farrugia (Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: "....................................................."

Xhud: Jiena xi zmien, ma nafx kemm ezatt ghax jiena nsejt anke d-dati, naf li serquli van, kien ipparkjat Haz Zebbug, kien wiehed mix-xufiera tieghi, lanqas kont jien bih u nfurmani li serqulu van. Cempilli, qalli serqulna l-van."

"...................................................................................................................................."

Xhud: Il-marka tieghu van transit abjad bin-numru BAF 229. Jien wasalt fuq il-post, ghidtlu fejn kien il-van? Qalli ... wiehed mill-haddiema hemmhekk, ghidtlu fejn kien il-van qalli hawn. Rajt xi erbgha min-nies li kienu barra staqsejthom jekk rawx lil xi hadd isuq il-van, kulhadd qalli le.

Pros: Fejn kien il-post ezatti?

Xhud: Haz Zebbug, il-post ezatti ma nafx x'jismu. Bhala hanut ahna nsibuh tal-lorry u mbaghad qbadt infittex il-van jien u wara xi saghtejn indur u naghqad sibt il-van go sqaq go ghalqa. Infurmajt il-pulizija –"

"........................................................................................................."

Xhud: Sibtu skussat u l-ghodda kollha nieqsa li kelli go fih: kelli jigger, kelli mutur tal-katina ahna nghidulu chainsaw, xi brejsijiet, hafna ghodda. Nikkalkula li kelli xi elfejn lira, jew elf u tmien mitt lira (Lm1,800) ghodda go fih.

Pros: U bhala van xi kemm kien valutat dak iz-zmien?

Xhud: Il-van kien qisu jiswa xi erbat elef lira (Lm4,000) dak iz-zmien.

Pros: Zmien wara dan is-serq li garrabt inti, kont ghamilt xi haga ohra in konnessjoni ma' dan is-serq min-naha tieghek? Ghamilt – inti taf, ghid inti.

Xhud: M'ghamilt xejn, jiena dejjem nistenna r-rizultat tal-pulizija biex icempluli li forsi sabu xi haga mill-ghodda tieghi, qatt ma rcivejt rizultat. La ma nkunx naf min serqu ma nkunx naf fejn marret l-ghodda tieghi, ma nafx min hadu jien il-van.

Il-Qorti: Illum ghandek qieghed il-van?

Xhud: Il-van ghandi qieghed. L-ghodda ta' go fih ma nafx ghand min qeghda."

"..........................................................................................
.........."

"Pros: F'din l-awla hawn gew, dur dawra madwarek, qed taghraf xi persuna li inti kellimtu dwar din is-serqa?

Xhud: Hawn wiehed li kellimtu?

Pros: Min hu?

Xhud: Dak t'hemmhekk.

Pros: Ix-xhud qed jindika –

Xhud: Imma jien staqsejtu jekk rax lil xi hadd imiss il-van. Qalli le.

Pros: Meta staqsejtu dan?

Xhud: Dakinhar li serquli l-van stess.

Qorti: Imma ghaliex? Habib tieghek? Kif tafu lil dan?

Xhud: Ghax dawk ghandhom ix-showroom tal-karozzi, jbieghu l-karozzi u gieli waqaft biex nara jekk ghandhomx xi van biex forsi nixtrih ghax jiena gieli nkun irrid nixtri van u jiena l-bicca l-kbira ma nixtrix gdid, nixtri second hand

ghax ma naffordjax biex nixtri l-gdid. Mela dawn ikollhom il-vannijiet ghall-bejgh u gieli waqaft nistaqsih kemm hu van."

"....................................................................................................
......................"

"Xhud: Kont naf li jbieghu l–karozzi u rajtu fuq il-post dakinhar stess.

Pros: Dakinhar stess li nsteraq il-van"

Xhud: Iva dakinhar stess. X'hin tlajt jiena, x'hin qaluli li l-van insteraq, x'hin wasalt fuq il-post rajtu hemm jien u staqsejtu jekk rax lil xi hadd imiss xi transit u qalli le jien ma rajt xejn." (Sottolinjar tal-Qorti)

In kontro-ezami, l-istess xhud, fl-istess Seduta inter alia, qal:

"Difiza: Jekk joghgbok, dan il-van transit li nstraqlek, dan kont xtrajtu second hand?

Qorti: Il-van second hand kont xtrajtu?

Xhud: Il-van second hand kont xtrajtu.

Qorti: Kemm kont xtrajtu u meta xtrajtu?
Xhud: Xtrajtu qisu xi tnax-il (12) sena ilu u xtrajtu minn Hal Qormi."

F'dan l-istadju il-Qorti sejra taghmel referenza ghal-bran mid-deposizzjoni tax-xhud Ivan Portelli (Seduta tat-8 ta' Awwissu 2006) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: "……………………………………………………….."

Xhud: Fis-26 ta' Gunju ta' din is-sena kont gejt nominat bhala espert ta' l-impronti digitali sabiex naghmel ezamijiet fuq id-dokument 02BWA301 sa 304 li huma lifters li kienu ttiehdu minn fuq ix-xena tad-delitt. Bhala konkluzjoni Sur Magistrat tliet marki minn dawn il-lifters ma kinux tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni fil-waqt li

marka minnhom immarkata bhala 02BWA304 giet identifikata mas-sebgha tan-nofs ta' l-id ix-xellugija ta' Godwin Agius."

F'dan l-istadju il-Qorti sejra taghmel referenza ghal-bran mid-deposizzjoni lit aha minn jeddu l-imputat Godwin agius (Seduta tal-20 ta' Frar, 2009) fejn l-imputat, inter alia, qal: "……………………………" "Jiena nahdem ma huti gewwa yard u xogholna hu illi nbieghu karozzi u wkoll spare parts u anke vannijiet. Dawn jkunu vetturi qodma. Nghid illi ahna Ford Transit vans bieghna hafna u ghandna anke spare parts taghhom. Nghid illi dana t-tip ta' vannijiet Ford Transit ahna wkoll nibdlulhom il-molol u anke nsewwuhom." "……………………………" "Ahna gieli qieghdna vettura tan-nies fil-yard taghna li nkunu ghadna ahna ma xtrajnihomx jew ma ahniex ser nixtruhom u jkunu offruti ghall-bejgh. Nghid illi jiena konsapevoli ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghi. Nghid illi in kwantu ghal Vincenzo Zammit, nghid meta originarjament kont kellimt lill-Ispettur kont ghidtlu li ma nafux, pero' mbaghad meta wara rajtu gharftu bhala persuna li dan kien gieli gie l-yard taghna bhala klijent biex jixtri molol. Gieli ghintu wkoll jgabbu l-affarijiet li jkun xtara minn ghandna. Din il-persuna ma nafx il-laqam tieghu pero' ngharfu minn wiccu. Naghmel korrezzjoni. Wara li qed nigi mistoqsi mid-difiza hux effettivament qieghed nirreferixxi ghal Vincenzo Zammit jew inkella ghal Carmelo Farrugia nghid illi jiena l-persuna li qed nirreferizzi ghaliha propjament lanqas naf x'jisimha, jekk hux Carmelo Farrugia jew Vincenzo Zammit. Nghid illi jiena l-persuna li qed nirreferi ghaliha, ngharafha mill-wicc pero' l-isem nghid illi ma nafx jekk hux Vincenzo Zammit jew Carmelo Farrugia. Nghid illi jiena qed nirreferi ghal persuna li xehedet f'din il-kawza fejn dan kien iddikjara illi hu kien sid il-van li skont hu gie misruq. Nghid jiena qatt ma sraqt vannijiet. Qed nigi wkoll specifikament mistoqsi jekk jiena fil-fatt sraqtx il-van Ford Transit b'numru ta' registrazzjoni BAF 229, nghid illi la sraqt dan il-van u lanqas sraqt van iehor." "……………………………………………………………………….." "………………………………………………………………………………………"

Nghid li jiena in kwantu ghall-akkuzi migjuba kontra tieghi, nichad li jiena ikkommettejt dawn ir-reati." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami, l-imputat Godwin Agius, fl-istess Seduta, inter alia, qal: "Nghid illi b'referenza ghad-domanda li qieghda ssirli mill-Prosekuzzjoni dwar id-deposizzjoni li kien ta Carmelo Farrugia f'dawn il-proceduri fejn kien semma okkazzjoni fejn hu kien qal li gie jkellimni, nghid li nichad li fil-fatt f'dik l-okkazzjoni dan Carmelo Farrugia lili gie jkellimni."
"..................................................................................................................................."
"Nghid illi jiena kont smajt lill-Ispettur jghid illi l-finger tieghi kienu qed jaqblu ma finger print li kienet giet elevata minn fuq l-imsemmi van. Nikkonferma li lili kien ttiehduli l-finger prints u nghid li dawn kienu ttiehduli kemm mid-Depot u kemm mill-Qorti. Jiena ma sibt l-ebda problemi illi jiena jittehduli l-finger prints tieghi u dana mill-ewwel. <u>Gejt mistoqsi mill-Prosekuzzjoni kif nispjega llum allura li nstab finger print tieghi fuq dana l-van, precizament fuq gewwa ta' dan il-van. Jiena nispjega li jiena min jaf kemm kelli vannijiet u nghid illi min jaf kemm ghaddew vannijiet minn taht idejja, seta' kien dan il-van xi tlieta (3) jew hames (5) darbiet ghandi. Ghalhekk nispjega illi seta' kien hemm il-finger print gol-van. Qed nigi mistoqsi mill-Prosekuzzjoni dwar rigwardanti dan Carmelo maghruf ghala tal-Majna, kienx qatt gabli dan il-van ghat-tiswija ghandi, nghid illi jiena ma nafx".</u> (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju il-Qorti tosserva li minn ezami tal-fedina penal ital-imputat esebita fid-29 ta' Novembru, 2009 (Ara fol. 130 sa 132 tal-Process) ma jirrizultax li l-imputat gie misjub hati ta' reati ta' serq jew ricettazzjoni.

Hawn il-Qorti tirrileva li l-Prosekuzzjoni qeda tibbaza l-kaz taghha prattikament fuq il-fingerprint li nstabet gewwa l-van li nsteraq liema fingerprint taqbel ma' sebgha tan-nofs ta' id ix-xellugija tal-imputat. L-imputat fil-kontro-ezami tieghu taha spjegazzjoni l-ghala seta' kien hemm din il-finger print. Fil-fehma tal-Qorti tali spjegazzjoni hi wahda possibli u dan meta wiehed jevalwa dak li xehed l-imputat

dwar in-natura ta' xogholu. Dan il-fatt iwassal biex jikkreja dubbju serju dwar is-sussistenza tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat, liema dubbju ghandu jmur favur l-imputat.

Ghalhekk minn ezami tal-provi prodotti, fid-dawl tas-suespost u tenut kont senjatament dak sottolinjat mill-Qorti, il-Qorti hi tal-fehma li l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Godwin Agius ma gewx sodisfacentement ippruvati. Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx lill-imputat Godwin Agius hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u minnhom tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------